**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 22 ta' Novembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**-vs-**

**Abdikarim Isman Omar detentur tal-Karta tal-Identita` numru 119662A**

*Kumpilazzjoni 439/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdikarim Isman Omar** u ċioè talli:

Nhar il-5 t'Ottubru, 2017 bejn l-erbgha ta' filghodu u l-hamsa ta' filghodu (04:00 hrs-05:00hrs), f'Xatt il-Mollijiet, Marsa, u f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq ta' vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni IAD-321 ghad-detriment ta' Abdul Zhine Osman Dafala u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx esegwit

minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-hin, bil-valur li huwa ta' aktar minn elfejn tliet mija w disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAD-321 ghad-dannu ta' Abdul Zhine Osman Dafala u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2500), izda aktar minn mitejn u hamsin euro (€250);
3. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l- imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti

tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, l-ammissjoni tal-imputat li ma jistax jinghad li kienet xi wahda bikrija, tal-fedina penali netta tieghu kif ukoll tac-cirksotanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279(b)280(1), 325(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet III u VI u tal-artikoli 8(a), 22(1)(a), u 22(2)(b(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (L.S.101.02), ), u l-artikolu 4(1)(2) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal seba (7) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn millum. Inoltre` tikkundannah ghal-hlas ta' penali ta' tmenin ewro (80) liema somma ghandha tithallas fi zmien sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**